32006R1962

L 408/8 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 30.12.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1962/2006

tal-21 ta' Diċembru 2006

li japplika l-Artikolu 37 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija mal-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 37 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 37 tal-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija jippermetti lill-Kummissjoni tieħu miżuri xierqa ta' salvagwardja sabiex tindirizza ksur serju tat-tħaddim tas-suq intern, jew riskju imminenti tat-tali ksur, li jkun ġej min-nuqqas tal-implimentazzjoni tal-impenji meħuda mill-Bulgarija fil-qafas tan-negozjati dwar l-adeżjoni, f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwalunkwe politika settorjali Komunitarja li tirrigwarda attivitajiet ekonomiċi b'effett transkonfinali; hemm riskju imminenti li n-nuqqas min-naħa tal-Bulgarija li timplimenta l-impenji tagħha li tikkonforma mar-regolamenti se joħloq ksur serju tas-suq intern għat-trasport bl-ajru;

(2) Abbażi tal-Artikolu 80 tat-Trattat tal-KE, il-Komunità adottat politika komuni dwar it-trasport bl-ajru, li tinkludi regoli li jistabbilixxu suq intern għall-provvista tas-servizzi tat-trasport bl-ajru[1], kif ukoll regoli komuni sabiex jiġi stabbilit u miżmum livell għoli ta' sikurezza fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa[2]. Iż-żewġ settijiet ta' regoli

---

[1] ĠU L 240, 24.8.1992, p. 1–7, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar il-liċenzjar tal-air carriers [it-trasportaturi bl-ajru], ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar l-aċċess għat-trasportaturi tal-ajru tal-Komunità għal rotot tal-ajru intra-Komunitarji, ĠU L 240, 24.8.1992, p. 8–14, u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2409/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar nollijiet u rati għal servizzi tal-ajru, ĠU L 240, 24.8.1992, p. 15.

[2] ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1-21, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni, emendat bir-Regolament (KE) Nru 1643/2003, ĠU L 245, 29.9.2003, p. 7–9 u r-Regolament (KE) Nru 1701/2003, ĠU L 243, 27.9.2003, p. 5–5.

għandhom impatt dirett fuq il-provvista tas-servizzi tat-trasport bl-ajru bejn l-Istati Membri.

(3) Fil-qafas tan-negozjati dwar l-adeżjoni, il-Bulgarija tat kelmitha li tapplika bis-sħiħ ir-regoli Komunitarji fil-qasam tat-trasport bl-ajru sa minn meta sseħħ l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea;

(4) Wara l-iffirmar tat-Trattat tal-Adeżjoni fil-25 ta' April 2005, l-awtoritajiet kompetenti tal-avjazzjoni ċivili tal-Bulgarija (is-CAA) kellhom żjara mill-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (l-EASA) mis-16 sal-20 ta' Mejju 2005, sabiex tiġi vverifikata l-ħila ta' dik l-awtorità biex tapplika r-rekwiżiti tal-liġi Komunitarja kif ukoll l-istandards tal-Awtoritajiet Konġunti tal-Avjazzjoni (il-JAA) fil-qasam tas-sikurezza fl-avjazzjoni. Iż-żjara wriet nuqqasijiet sinifikanti u persistenti fil-ħila amministrattiva tas-CAA Bulgara li tiżgura s-sorveljanza tas-sikurezza meħtieġa sabiex jiġu implimentati r-rekwiżiti Komunitarji dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru li huma tajbin għat-titjir u tal-manutenzjoni tagħhom;

(5) Minħabba n-nuqqasijiet serji identifikati **mill-EASA u mill-JAA**, f'Ottubru 2005, il-Bulgarija ma ngħatatx ir-rikonoxximent reċiproku fl-oqsma tas-sikurezza rilevanti fi ħdan is-sistema tal-JAA;

(6) L-azzjonijiet korrettivi mressqin mis-CAA Bulgara f'Ottubru u f'Novembru 2005, kif ukoll f'Mejju 2006 ma tqisux sodisfaċenti mill-EASA, ħaġa li l-Kummissjoni nnutat sew.

(7) Fil-Komunikazzjoni tagħha, adottata fis-26 ta' Settembru 2006 dwar kemm il-Bulgarija u r-Rumanija kienu lesti għas-sħubija fl-UE[3], il-Kummissjoni kkonfermat li l-Bulgarija kienet għamlet iktar progress biex tlesti t-tħejjijiet tagħha għas-sħubija, iżda identifikat għadd ta' oqsma li kien għadhom ta' tħassib, fosthom is-sikurezza fl-avjazzjoni, li fihom il-Kummissjoni kienet se tieħu l-miżuri xierqa biex tiżgura t-tħaddim sew tas-suq intern, sakemm il-Bulgarija ma tkunx ħadet l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa.

(8) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ħeġġet lill-Bulgarija biex tressaq pjan ta' azzjoni korrettiva, bil-għan li tikkonforma mar-regoli rilevanti Komunitarji dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni, u timplimentah skont skeda stretta, b'kooperazzjoni mill-qrib u taħt il-gwida tal-EASA sabiex tirranġa n-nuqqasijiet kollha fil-qasam tas-sikurezza. Ir-rapport ħabbar li l-EASA se tivverifika l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan permezz ta' spezzjoni oħra qabel l-adeżjoni tal-Bulgarija. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li sakemm il-Bulgarija ma tiħux l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa, hija kienet qed tirriskja li l-Kummissjoni, fuq inizjattiva tagħha jew fuq talba minn xi Stat Membru, tqiegħed restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq intern tal-avjazzjoni; u barra minn hekk, li l-inġenji tal-ajru rreġistrati fil-Bulgarija li ma jkunux konformi mar-regoli tal-UE dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili jistgħu jkunu suġġetti għall-miżuri xierqa ta' salvagwardja;

---

[3] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni COM(2006) 549, is-26 ta' Settembru 2006.

(9) Fid-dawl tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, l-EASA ntalbet twettaq l-ispezzjoni tas-CAA Bulgara. Din l-ispezzjoni twettqet mis-27 ta' Novembru sal-1 ta' Diċembru 2006; l-għan tagħha kien biex jiġi evalwat jekk l-awtorità kompetenti tal-avjazzjoni ċivili tal-Bulgarija kenitx lesta timplimenta r-regoli komuni fil-qasam tas-sikurezza fl-avjazzjoni li se jidħlu fis-seħħ fil-Bulgarija sa mill-1 ta' Janar 2007, u biex jiġi evalwat il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi mressqin minn dik l-awtorità wara l-ewwel żjara tal-EASA sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-qasam tas-sikurezza stabbiliti waqt dik iż-żjara.

(10) Ir-rapport ta' dik l-ispezzjoni stabbilit mill-EASA jikkonferma n-nuqqasijiet li kienu ntwerew qabel fil-ħila amministrattiva tas-CAA Bulgara li tiżgura s-sorveljanza tas-sikurezza meħtieġa sabiex jiġu implimentati r-rekwiżiti Komunitarji dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru li huma tajbin għat-titjir u tal-manutenzjoni tagħhom, u jikkonkludi li s-CAA Bulgara mhix se tkun f'pożizzjoni li tiżgura l-konformità mar-Regolament Nru 1592/2002 u mar-regoli li jimplimentawh, jiġifieri r-Regolamenti tal-Kummissjoni Nru 1702/2003[4] u 2042/2003[5] sa mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att tal-Adeżjoni;

(11) Fid-dawl tan-nuqqas tal-Bulgarija li timplimenta l-impenn tagħha li tiżgura l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u r-regoli li jimplimentawh sa mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni, għandu jkun hemm dispożizzjoni li ċ-ċertifikati maħruġin mis-CAA Bulgara ma għandhomx jibbenefikaw mir-rikonoxximent reċiproku stipulat fl-Artikoli 8 u 57 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002.

(12) In-nuqqas tal-Bulgarija li timplimenta l-impenn tagħha li tiżgura l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u r-regolamenti li jimplimentawh sad-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni jista' jwassal għal tgħawwiġ fil-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi mogħtija liċenzja mill-Istati Membri l-oħrajn u dawk mogħtija liċenzja mill-Bulgarija, jekk dawn tal-aħħar jingħataw aċċess mingħajr restrizzjoni għas-suq intern tal-Komunità. It-tgħawwiġ fil-kompetizzjoni jista' jiġi b'mod partikulari mill-fatt li t-trasportaturi tal-ajru mogħtija liċenzja mis-CAA Bulgara jingħataw aċċess mingħajr restrizzjoni għal rotot fil-Komunità mingħajr ma jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tar-regoli li jistabbilixxu suq intern għall-provvista tas-servizzi tat-trasport bl-ajru, l-aktar dawk dwar is-sikurezza, filwaqt li l-kompetituri tagħhom ikomplu jkunu suġġetti għat-tali rekwiżiti. Barra minn hekk, l-għoti tat-tali aċċess għat-trasportaturi tal-ajru mogħtija liċenzja mis-CAA Bulgara jista' jwassal għal twessigħ tal-ħidmiet imwettqin bħalissa minn dawk it-trasportaturi minn Stati Membri oħrajn, lejhom jew fi ħdanhom, u b'hekk għall-ħolqien ta' iktar riskji għas-sikurezza.

---

[4] ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6–79, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom, emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 381/2005, ĠU L 61, 8.3.2005, p. 3–3, u bir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 706/2006, ĠU L 122, 9.5.2006, p. 16–16.

[5] ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1–165, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwa li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol, emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 707/2006, ĠU L 122, 9.5.2006, p. 17–18.

(13) Għal dawn ir-raġunijiet, huwa xieraq, sabiex jiġi evitat li jiżdiedu t-tali riskji, li jkun hemm dispożizzjoni li t-trasportaturi mogħtija liċenzja mill-awtoritajiet Bulgari ma jitqisux bħala "trasportaturi Komunitarji" għall-għanijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92.

(14) Din il-miżura ma tagħmel ħsara lil kwalunkwe miżura oħra li l-Kummissjoni jista' jkollha timponi skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005[6].

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikoli 8 u 57 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 ma għandhomx japplikaw għaċ-ċertifikati maħruġin mill-awtorità kompetenti tal-Bulgarija.

Artikolu 2

Minkejja l-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92, it-trasportaturi tal-ajru b'liċenzja tal-operat mogħtija mill-awtorità kompetenti tal-Bulgarija ma għandhomx jitqiesu bħala "trasportaturi tal-ajru Komunitarji" għall-għanijiet ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha tanalizza jekk tkunx għadha meħtieġa l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fuq talba mmotivata kif xieraq min-naħa tal-Bulgarija, jew b'inizjattiva tagħha stess, tal-anqas darba kull tnax-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ suġġett biss għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u fid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Jacques BARROT
Viċi President

[6] ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15-22, ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE.